# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat***

***Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)***

***<u>Drogi 39/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Josric Mifsud***
***v***
***Rene' Harmsworth II***

Illum 15 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali tad-droga eroina u traffikar ta' l-istess droga** fit-13 ta' Jannar 2001 u fl-ahhar erba' xhur qabel din id-data.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentament provati skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:
**Il-fedina penali netta ta' l-imputat**

**L-ammissjoni bikrija;**

**Ir-rapport ferm favorevoli tas-Social Worker Karm Borg;**

**Il-fatt li l-imputat ghen lill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom u gie ddikjarat mill-ufficcjal prosekutur li l-imputat huwa kwalifikat biex jibbenefika mill-artiklu 29 tal-Kapitolu 101.**

In vista ta' dawn il-fatturi, il-Qorti tikkonsidra opportun li timponi piena fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi wara li rat ir-regolamenti 4 u 8 tal- GN 292/39 u l-Artikolu 22 (2) (b) (I) tal-Kap.101 u tikkundannah ghall-piena ta' ***prigunerija ghal zmien tlett (3) xhur u multa ta' mitejn Lira Maltin (Lm200).***

Il-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

In fine tirrakomanda b'mod qawwi lill-awtorita' kompetenti sabiex l-imputat jithalla jitkompla l-programm residenzjali li qed jaghmel mal-Caritas waqt il-perjodu ta' prigunerija.

Kommunika: Direttur tal-Habs.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***